San Lawrenz

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGHA KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 17 – Il-Hamis 21 ta' Lulju 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fit-1:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Noel Formosa | Sindku |
| | Anthony Formosa | Viċi Sindku |
| | Franco Buhagiar | Kunsillier |
| | Joseph Cauchi | Kunsillier |
| | Carmen Grima | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju Eżekuttiv |
| | James Grima | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand il-LESA rigward il-gwardjani lokali u l-ħtieġa ta' aktar preżenza tagħhom fil-lokal.

**4.0 It-tieqa tad-Dwerja - Fence u Live Streaming Camera**

4.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li jinħtieġ li ssir xi tip ta' protezzjoni għat-Tieqa tad-Dwejra li tirrestrinġi lill-pubbliku milli jibqa tiela' fuqha. Il-Kunsill qabel li fil-preżent huwa mportanti li nistennew u naraw jekk il-Kunsill hux ser jiġi nkluż fl-Steering Committee għad-Dwejra.

4.2 Is-Sindku rrefera għall-proposta mingħand l-Alberta biex ikun jista jsir live-streaming tat-Tieqa tad-Dwejra. Sar qbil li għandna nitolbuhom din il-proposta u naraw il-kontenut tagħha.

## 5.0 Management Committee tad-Dwejra. Is-Sitwazzjonijiet preżenti u azzjonijet li jridu jittieħdu

5.1 Il-Kunsill esprima d-diżappunt kbir tiegħu li ġie eskluż minn dan il-Kumitat meta kien hu li ġibed l-attenzjoni lill-Prim Ministru dwar il-ħtieġa urġenti tat-twaqqif tiegħu. Is-Sindku semma' li huwa dritt tal-Kunsill li jifforma parti minnu u jekk il-Kunsill jibqa ma jieħux dak li hu dritt tiegħu, għandu jinforma b'dan lill-Unjoni Ewropea. Ħadd mhu konxju tal-problemi tad-Dwejra daqs il-Kunsill li jamministraha. Is-Sindku semma li rċieva kummenti minn diversi nies mill-lokal u anke minn dawk li għandhom għal qalbhom id-Dwejra biex iħeġġu lil Kunsill ikompli bil-kampanja li biha qed juri d-diżapprovazzjoni tiegħu għal dan in-nuqqas.

5.2 Saret referenza għad-diversi emaills li ntbagħtu bejn is-Sindku Noel Formosa u l-Ministru Hose Herrera fejn il-Ministru stieden lis-Sindku sabiex jiltaqa' miegħu u jiddiskuti din il-possibiilita'. Sar qbil li għal din il-laqgħa għandhom is-Sindku għandu jieħu miegħu lill-kunsillier Franco Buhagiar. Kien hemm qbil dwar dan u s-Sur Buhagiar aċċetta bil-qalb li jkun preżenti għal din il-laqgħa.

## 6.0 Tifkira tal-Bombarament fuq San Lawrenz - nhar il- 5 t'Awwissu

6.1 Is-Sindku rrefera għal-fatt li l-monument jinsab kważi lest u jonqsu li jitpoġġew il-poppies li skont kif kien ġa sar qbil ser isiru 40 minnhom għand l-Inkwina għall-prezz ta' €600. Sar qbil li bħala ċerimonja ssir quddiesa fil-post dakinhar stess fis-7:00 ta' filgħaxija u waqt il-quddiesa jsir ħsieb tal-okkażżjoni. Wara jsir it-tberik ta' din it-tifkira.

## 7.0 Il-Festa u tindif

7.1 Sar qbil li bħala dustbins għall-festa għandna nużaw li għandna u wkoll nitolbu oħrajn addizzjonali mingħand id-Dipartiment tal-indafa pubblika.

7.2 Sar qbil li għandna nordnaw mobile toilets gal matul il-ġimgħa u l-Ħadd għandna nordnaw żewġ settijiet.

## 8.0 Ħatra ta' Bord għall-interview tal-Post ta' Segretarju Eżekuttiv

8.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-applikazjoniet ta' Segretarju Eżekuttiv ħarġu u ser jagħlqu fid-29 ta' Lulju 2016. Sar qbil għalhekk li għandu jiġi maħtur Bord tal-Għażla kompost minn nies esperti fil-qasam tax-xogħol ta' Segretarju Eżekuttiv u Kunsilli Lokali u li l-interviews għandhom isiru nhar il-Ġimgħa 12 t'Awwissu.

8.2 Sar qbil li l-bord għandu jkun kompost mis-Sindku Noel Formosa bħala Chairman mingħajr id-dritt għal vot, milll-Aġent Segretarju Lucienne Haber bħala Segretarju wkoll mingħajr id-dritt tal-vot u bħala membri ġew proposti is-Sur Joe Camilleri eks Segretarju Eżekuttiv Għasri, is-Sur Dolindo Cassar eks Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Għajnsielem u s-Sur Francis Cauchi eks Sindku Għajnsielem. Sar qbil li f'każ li xi ħadd minn dawn ma jistgħux iservu fuq il-Bord, għandhom jinħatru jew Ruben Cassar Segretarju Għasri jew Carmel Camilleri eks Sindku Sannat. Dwar din il-kompożizzjoni kien hemm qbil unanimu.

## 9.0 Bidu tal-Proġett tal-Playing Field

9.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-partijiet kollha tal-proġett sabiex jingħata bidu għall-proġett tal-playing field. Huwa semma' li fil-jiem li ġejjin ser jiġi ffirmat il-kuntratt ma' Joe Grima biex jkun jista jagħti bidu għal dan il-progett. Saret referenza għall-ittra li ntbaghtet lis-Segretrju Parlamentari Justyne Caruana sabiex nitolbu l-possibilita li l-ispiża extra li ħarġet mill-offerta tiġi ffinanzjata mis-segretarjat tagħha peress li qabeż l-ammont stipulat. Hija talbitna gustifikazzjoni u s-Sindku talab lill-Perit biex tagħti din il-ġustifikazzjoni li huwa bagħt lis-Segretarju Parlamentari iżda s'issa għad ma għandniex risposta.

## 10.0 Ġemellaġġ Amaseno

10.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li ta' Ameseno fl-aħħar minuta infurmaw li ma jistgħux jiġu għaċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-Ġemellaġġ kif propost minħabba xi ċirkustanzi importanti li ma kellhomx kontroll fuqhom. Huwa rrefera għal fatt li skont l-agreement id-dati jistgħu jiġu estiżi sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu 2017. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Kunsill qabel li għandu jipproponi lit-Taljani sabiex l-attivitajiet isiru bejn it-28 t'Ottubru u t-3 ta' Novembru 2016. Sar qbil li għandna ninfurmaw wkoll lill-ħbieb tagħna ta' Colle Umberto bil-bdil tad-data.

## 11.0 Għażla ta' CCTV

11.1 Il-kunsillier Joseph Cauchi ssuġġerixxa li ssir CCTV fi Triq il-Wileġ li tkun tista taqbad minn ġej minn Triq il-Wileġ għal ġol-pjazza. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-kumpanija li mingħandha xtrajna l-cameras ta' fuq il-bring-in-sites u naraw s-sistema tistax tiġi trasferita għal hemm.

11.2 Rigward ix-xiri tas-sistema ta' CCTV għall-pjazza, sar qbil li għandna nimxu fuq il-parir tal-Inginier u nagħzlu l-orħos offerta. Għandna nimxu fuq il-parir tiegħu wkoll li l-item tal-IT li jammonta għal €600 għandu jitħalla barra. Pero għandna nistħarġu ma kuntratturi oħrajn biex din dawn il-cameras ikunu live streeming.

## 12.0 Proġett konness mal-EMW Week

12.1 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li saret għall-attivitajiet konnessi mal-Car Free Day fl-okkażjoni tal-Europe Mobility Week huwa rrefera għal fatt li Il-Kunsill San Lawrenz kien wieħed mir-rebbieħa ta' din l-appllikazzjoni u li għal dawn l-attivitajiet, li fosthom jinkludu wkoll it-tieni edizzjoni ta' Swejjaq, il-Kunsill ser jibbenifika l-ammont ta' €2000, Il-Kunsill qabel li l-attivita' Swejjaq għandha tinżamm nhar il-Hadd 18 ta' Settembru.

## 13.0 Stima għat-tindif tal-festa.

13.1 Is-Sindku rrefera għall-istimi li ġabar il-Kunsill konnessi mat-tindif fil-jiem tal-festa. Bħala stimi nġabru tnejn; waħda mingħand is-St. Laurence FC għall-prezz ta' €1000 inkluz il-VAT u dik mingħand TC Cleaning għall-prezz ta' €1090 nkluż il-VAT. Il-Kunsill qabel li għandu jmur għall-orħos waħda dik tas-St. Laurence FC.

## 14.0 Użu tal-generator tad-Dwejra

14.1 Saret referenza għal-laqgħa li nżammet mal-kumpanja li tixtieq tagħmel użu mill-generator. Is-Sindku semma' kif ġie maqbul fil-laqgħa ser jiġi nstallat submeter minn naħa tagħhom biex naraw x'konsum qed jinħela. Sadanattinant sar qbil li għandna nistennew ir-risposta tad-Direttur tal-Kunsilli Lokali fuq dan ir-rigward.

14.2 Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jigi nstallat sub meter ieħor fiċ-Ċentru tad-Dwejra biex jiġi rrekordjat l-ammont ta' konsum.

## 15.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

15.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 16.0 Materji oħra

16.1 Il-kunsillier Franco Buhagiar lmenta dwar l-indafa fir-raħal u għal fatt li mhux isir knis biżżejjed u li x-xogħol jinħtieġ li jsir sewwa. Huwa talab sabiex kemm jista jkun tiżdied il-frekwenza. Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta l-fatt li l-Kunsilll għandu ħaddiem wieħed biss taħt l-skema u mhux dejjem qed jagħmel sigħat u xogħol kif mistenni. Sar qbil li għandna nitkellmu miegħu.

16.2 Il-kunsillier Franco Buhaguar talab sabiex issir insistenza mas-Supretendent tal-Pulizija biex tiżdied ir-ronda tagħhom f'San Lawrenz fid-dawl ta' każijiet ta' serq li seħħew dan l-aħħar.

16.3 Is-Sindku rrefera għall-problema tal-funtana tal-pjazza u li aktarx instabet soluzzjoni għall-problema taghha. Huwa semma' li fuq parir l-aħjar soluzzjoni hija li t-tank li fiha l-pump room jitneħħa, jingħalaq ħajt u jinkesa biex jiġi qisu ġibjun żgħir. B'hekk l-ilma li jinżel go fiha jkun jista jitnaddaf billi wieħed jinżel go fiha. Għandna napplikaw għal meter tal-ilma biex ikun jista' jintuża għat-tisqija u wkoll għal-funtana li ssir ukoll sistema bħal tal-flusshings biex meta jonqos l-ilma jiżdied waħdu . Il-Kunsill qabel mal-proposta u sar qbil li għandna napplikaw għal main tal-ilma u jsir ix-xogħol biex isir il-ġibjun żgħir.

16.4 Is-Sindku rrefera għall-applikazjoni tal-Award tal-EMW bħala proġett kapitali. Sar qbil li għandna nressqu l-proġett ta' parkeġġ fi Triq Wied Merill u minn hemm issir walkway għal fuq ir-riħ tad-Dwejra. Is-Sindku għandu jiltaqa' mal-Perit biex issir stima u jagħtina stampa ċara tal-ispiża ta' dan il-proġett.

16.5 Sar qbil li għandna niċċekjaw f'hiex wasal il-proċess tal-Wifi's il-ġodda fil-lokal.

16.6 Sar qbil ukoll li għandhom jinxtraw il-letterings nieqsa tal-monumenti tal-lokal.Is-Sindku rrefera għall-organizazzjonii tal-Festival San Lawrenz 2016 u għal fatt li l-Kunsill ta' kull sena jikkollabora fl-organizazzzjoni tiegħu u anke juża l-istess serata biex jirrikonoxxi lil dawk li jkunu ggradwaw matul is-sena. Il-Kunsill qabel li għal din is-sena għandu jipprovdi l-ħlas ta-sound system tas-serati sa massimu ta' €500.

16.7 Il-Viċi Sindku Anthony Formoa talab sabiex jinżebgħu slippery signs mal-art fuq is-slipway tad-Dwejra.

16.8 Sar qbil ukoll li l-ambaxxatur James Grima għandu jieħu ħsieb l-organizazzjoni tat-tieni edizzjoni tal-boat party għaż-żgħażagħ tal-lokal u l-ħbieb tagħhom.

16.9 Sar qbil li bħas-snin li mgħoddija flimkien mal-parroċċa għandu jorganizza l-laqgħa

soċjali għar-residenti li ma jitkellmux bil-malti.

**17.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra**

17.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4:00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 18 t'Awwissu fin-12:30 ta wara nofsinhar.

**Noel Formosa**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**